MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 3/2012

**Dominic Cutajar (ID No. 120738M), Maria Melita Tabone (ID No, 41841M), Georgina sive Gina Formosa (ID No. 170046M), Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghan-nome ta' l-assenti Carmen Geske, lkoll ulied u eredi tad-defunti Dominic u Maria Anna konjugi Cutajar**

**vs**

**Matthew Haidon (ID No. 591377M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti :

1. Illi l-atturi rikorrenti huma lkoll proprjetarji flimkien tal-fond numru mija u hdax (111), fi Triq Rinella Kalkara; u

2. Illi in forza ta' skrittura datata l-1 ta' Lulju 2000, li kopja taghha taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata

Dok “A”, il-fond in kwistjoni kien inkera minn Marianna Cutajar – omm l-esponent – lil Thomas W. Haidon, hu l-intimat; u

3. Illi in forza ta’ skrittura datata 11 ta’ Jannar 2001, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok “B”, it-titolu ta’ lokazzjoni relattiv ghall-fond in kwistjoni gie assenjat favur l-intimat bil-kunsens tad-defunta Marianna Cutajar u l-intimat accetta u assuma l-obbligi kollha kontenuti fl-iskrittura ta’ lokazzjoni tal-1 ta’ Lulju 2000 kif prorogat; u

4. Illi l-fond jinkera versu l-kera ta’ tlett mija u tnejn u sebghin Euro u disgha u sittin centezmi (€372.69) fis-sena ekwivalenti ghall-mija u sittin lira Maltin (Lm160) pagabbli fl-1 ta’ Lulju u l-1 ta’ Jannar ta’ kull sena; u

5. Illi ghalkemm il-konvenut intimat kien u baqa’ jghix f’dan il-fond, ilu ma jhallas il-kera mill-iskadenza ta’ l-1 ta’ Lulju 2003, kif ukoll abbanduna l-fond u ma kienx qieghed jottempra ruhu mat-termini u kundizzjonijiet tal-iskrittura tal-kera; u

6. Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Novembru 2008, likopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok “C”, l-intimat inghata l-congedo kif ukoll gie interpellat sabiex ihallas l-arretrati ta’ kera, izda ciononostante, hu baqa’ inadempjanti; u

7. Illi l-arretrati ta’ kera jammontaw ghas-somma ta’ elfejn disa’ mija u wiehed u tmenin Euro u disgha u hamsin centezmu (€2,981.59), u dan ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju 2003 sat-30 ta’ Gunju 2011;

8. Illi r-rikorrenti Dominic Cutajar (detentur tal-karta tal-identita numru 120538) qed bil-gurament tieghu jiddikjara illi fil-fehma tieghu l-intimat ma ghandux difiza x’jaghti kontra t-talba tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. Jghaddi sabiex jiddeciedi li jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza b’applikazzjoni ta’ Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Jordna l-konvenut intimat ghandu jivvaka mill-fond numru mija u hdax (111), Triq Rinella, Kalkara u dan fi zmien qasir u perentorja li jigi stabbilit minn dan l-Onorabbli Bord, u dan ghar-ragunijiet premessi;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorenti s-somma ta’ elfejn disa’ mija u wiehed u tmenin Euro u disgha u hamsin centezmu (€2,981.59) rapprezentanti l-iskadenzi ta’ kera ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju 2003 sat-30 ta’ Gunju 2011;

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Novembru 2008, kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Ra n-nota ta’ l-intimat li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn r-rikorrenti iddikjaraw illi seduta stante inghataw lura c-cavetta tal-fond in mertu;

Ra l-atti tar-rikors;

Wara l-ammissjoni tal-intimat, dan il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u filwaqt illi jikkudanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn disa’ mija u wiehed u tmenin Euro u disgha u hamsin centezmu (€2,981.59) rapprezentanti l-iskadenzi ta’ kera ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju 2003 sat-30 ta’ Gunju 2011, jordna lill-intimat sabiex fi zmien jumejn mil-lum jizgombra mill-fond 111, Triq Rinella, Kalkara.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------